**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta’ Ottubru, 2016

Rikors numru : 140/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta’ Ottubru 1992 (Ara Dok. A) anness u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal u cioe`, J (fid-19 ta’ Gunju 1993), S (fis-27 ta’ Settembru 1994), M (fl-24 ta’ Lulju 1996) u N (fil-11 ta’ Dicembru 1998), tal-ahhar minorenni.

Illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta’ kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Elsa Cardona datat 19 ta’ Novembru 2003. (Ara Dok. B);

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien bhala ragel u mara ghal aktar minn erba` (4) snin, illum  ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-partijiet reciprokament stante illi ai termini tal-Art. 4 tal-Kuntratt ta' separazzjoni huma rrinunzjaw ghal tali dritt.

Illi l-manteniment tal-minuri huwa regolat ai termini tal-Art. 3 u ma hemm l-ebda problema f'dan ir-rigward.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1)Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet ;

2)Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Semghet lill-intimata tiddikjara fil-Qorti li ma ghandhiex oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Novembru 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.